

## Bdil ta' Ċilindri

Biex tibdel iċ-ċilindru tal-ossiġnu ċempel lil Multigas
fuq 2249 2000 waqt il-ħinijiet tal-ftuħ.

## Ħinijiet tal-Ftuħ

Mit-Tnejn sal–Ġimgħa: 7.30am – 15.30pm
Sibtijiet: 7.30am – 11.30am

Għal aktar informazzjoni dwar is-servizz ta' gass mediċinali rrikorri għas-sit **www.multigas.com**

multigas
YOUR HEALTH, OUR PRIORITY


Multigas Ltd
Triq l-Industrija
Kirkop KKP 9042

2249 2000

sales@multigas.com

**www.multigas.com**


# L-użu tal-Ossiġnu fid-dar

Tagħrif dwar l-użu tar-regolatur u ċ-ċilindru tal-ossiġnu fid-dar



Dan il-fuljett jagħti informazzjoni bażika fuq kif wieħed juża l-ossiġnu hekk kif provdut minn Multigas. **Inti mitlub taqra b'attenzjoni.**




multigas
YOUR HEALTH, OUR PRIORITY

# ISTRUZZJONIJIET DWAR L-UŻU TAR-REGOLATUR U Ċ-ĊILINDRU TAL-OSSIĠNU







**1** Ibda billi tlibbes in-naħa ta' wara tar-regolatur ġol-valv taċ-ċilindru. Fuq wara r-regolatur għandu vit biex jissikka (immarkat bl-ittra **A**) u fin-naħa t'isfel hemm washer tal-lastiku (magħruf bħala Bodok Seal' u mmarkat bl-ittra **B**).




**2** Dejjem iċċekkja li r-regolatur huwa pożizzjonat sewwa mal-valv taċ-ċilindru u ssikka biss meta taf li l-ponta tal-vit dieħla ġo postha mal-valv (immarkat bl-ittra **C**).



**3** Iċċekkja li l-arloġġ fuq ir-regolatur qed jaqra '0'.



**4** Iftaħ il-valv taċ-ċilindru **bil-mod** b'idejk billi tuża l-biċċa ta' fuq tal-valv u dawwarha mill-inqas nofs dawra. Iċċekkja li l-arloġġ fuq ir-regolatur m'għadux jimmarka iktar '0' imma qed jimmarka kemm fih ossiġnu ċ-ċilindru. **AĊĊERTA RUĦEK LI M'INTIX TISMA' EBDA ĦOSS TA' GASS ĦIEREĠ!**




**5** Uża r-rota l-blu tar-regolatur biex tissettja l-ħruġ tal-ossiġnu. (1 jindika 1 Litru/minuta, 2 jindika 2 Litri/minuta, ...) skond ir-riċetta tat-tabib tiegħek.






**NOTA:** Il-valv taċ-ċilindru jista jkun differenti minn dak t'hawn fuq iżda l-prinċipju ta' kif jaħdem huwa l-istess.